II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2019/1601

tas-26 ta' Settembru 2019

li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/2025 u (UE) 2019/124 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/124 ([1]) jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2019 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni.

(2) Fir-Regolament (UE) 2019/124, il-qabdiet totali permissibbli (TAC) għall-inċova (*Engraulis encrasicolus*) fis-subżoni 9 u 10 tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 34.1.1 tas-CECAF ġew stabbiliti għal żero. Fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1097 ([2]), ġiet stabbilita TAC proviżorja biex tippermetti li jitkompla s-sajd. L-inċova hija speċi b'ħajja qasira, li dwarha jitlesta stħarriġ f'Mejju. Il-parir xjentifiku rilevanti tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) inħareġ fit-28 ta' Ġunju 2019. Jenħtieġ li l-limiti tal-qbid għall-inċova fis-subżoni 9 u 10 tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 34.1.1 tas-CECAF issa jiġu emendati f'konformità ma' dak il-parir.

(3) Jeħtieġ li l-flessibbiltà bejn iż-żoni (kondizzjoni speċjali) għall-bakkaljaw (*Gadus morhua*) mill-Baħar tat-Tramuntana lejn il-Kanal tal-Lvant tapplika biss fir-rigward tal-Istati Membri li jkollhom kwoti fiż-żewġ żoni. Għalhekk jenħtieġ li t-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd rilevanti tiġi emendata skont dan.

(4) Fis-17 ta' Diċembru 2018 l-ICES ippubblika parir xjentifiku dwar il-flessibbiltà bejn iż-żoni għas-sawrell (*Trachurus* spp.) bejn id-diviżjonijiet 8c u 9a tal-ICES. L-ICES irrakkomanda li l-flessibbiltà bejn iż-żoni għal żewġ stokkijiet ma għandhiex teċċedi d-differenza bejn il-qabda li tikkorrispondi għal mortalità mis-sajd ta' $F_{p.05}$ u t-TAC stabbilita. Jenħtieġ ukoll li ma jkun hemm l-ebda trasferiment ta' TAC għal stokk b'bijomassa ta' stokk riproduttiv taħt il-valur limitu ta' referenza (B_{lim}). Skont il-kondizzjonijiet ta' dak il-parir xjentifiku, jenħtieġ li l-flessibbiltà bejn iż-żoni (kondizzjoni speċjali) għas-sawrell bejn is-subżona 9 tal-ICES u d-diviżjoni 8c tal-ICES għall-2019 tiżdied minn 5 % għal 10 %.

(5) Rigward il-ħalibatt ta' Greenland (*Reinhardtius hippoglossoides*) fl-ilmijiet internazzjonali taż-żoni 1 u 2, jenħtieġ li l-Istati Membri li qed iwettqu studju xjentifiku dwar qabdiet aċċessorji fis-sajd tal-gambli jkunu jistgħu jallokaw total globali ta' 130 tunnellata għall-bastimenti li qed jipparteċipaw fl-istudju b'osservaturi abbord. Għalhekk jenħtieġ li dawk l-opportunitajiet tas-sajd jiġu emendati skont dan.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/124 tat-30 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi għall-2019 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 29, 31.1.2019, p. 1).

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1097 tas-26 ta' Ġunju 2019 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/124 f'dak li għandu x'jaqsam ma' ċerti opportunitajiet tas-sajd. (ĠU L 175, 28.6.2019, p.3).

(6) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/2025 [1] jiffissa, għall-2019 u l-2020, l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond. F'dak ir-Regolament, it-TAC għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) fis-subżona 10 tal-ICES għal dawk is-sentejn ġiet stabbilita abbażi tal-parir xjentifiku għall-2019, sakemm jinħareġ il-parir xjentifiku għall-2020. Fil-11 ta' Ġunju 2019, l-ICES ippubblika l-parir xjentifiku għall-2020. Jenħtieġ li t-TAC tiġi stabbilita f'konformità mal-aħħar parir xjentifiku.

(7) It-TACs rilevanti għall-inċova previsti fir-Regolament (UE) 2019/124 japplikaw mill-1 ta' Lulju 2019. It-TACs rilevanti għall-paġella ħamra previsti fir-Regolament (UE) 2018/2025 japplikaw mill-1 ta' Jannar 2019 iżda l-emenda introdotta permezz ta' dan ir-Regolament tikkonċerna biss il-limiti tal-qbid għall-2020. Għalhekk jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw dawk l-istokkijiet introdotti permezz ta' dan ir-Regolament japplikaw ukoll b'effett mill-1 ta' Lulju 2019.

(8) It-TACs rilevanti għall-ħalibatt ta' Greenland u l-kondizzjonijiet speċjali għall-bakkaljaw u s-sawrell japplikaw mill-1 ta' Jannar 2019. Għalhekk jenħtieġ d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw dawk l-istokkijiet introdotti permezz ta' dan ir-Regolament japplikaw b'effett minn dik id-data.

(9) Tali applikazzjoni retroattiva hija mingħajr preġudizzju għall-prinċipji taċ-ċertezza legali u tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, peress li l-opportunitajiet tas-sajd ikkonċernati ma jitnaqqsux u għadhom ma ġewx eżawriti.

(10) Ir-Regolamenti (UE) 2018/2025 u (UE) 2019/124 jenħtieġ li jiġu emendati skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness għar-Regolament (UE) 2018/2025 huwa emendat skont l-Anness I għal dan ir-Regolament.

L-Annessi IA u IB għar-Regolament (UE) 2019/124 huma emendati skont l-Anness II għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika b'effett mill-1 ta' Lulju 2019. Madankollu, il-punti 2, 3 u 4 tal-paragrafu 1 tal-Anness II u l-paragrafu 2 ta' dak l-Anness għandhom japplikaw b'effett mill-1 ta' Jannar 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Settembru 2019.

Għall-Kunsill

Il-President

T. HARAKKA

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/2025 tas-17 ta' Diċembru 2018 li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond għall-2019 u għall-2020 (ĠU L 325, 20.12.2018, p. 7).

ANNESS I

Fl-Anness IA għar-Regolament (UE) 2018/2025 it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-paġella ħamra fl-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali tas-subżona 10 tal-ICES hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Paġella ħamra *Pagellus bogaraveo*		**Żona:**	L-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali tas-subżona 10: (SBR/10-)
Sena	2019	2020		
Spanja	5	5		
Il-Portugall	566	543		
Ir-Renju Unit	5	5		
L-Unjoni	576	553		
TAC	576	553		TAC prekawzjonarja".

ANNESS II

1. L-Anness IA għar-Regolament (UE) 2019/124 huwa emendat kif ġej:

(1) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-inċova fis-subżoni 9 u 10 tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 34.1.1 tas-CECAF hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Inċova *Engraulis encrasicolus*	**Żona:**	Is-subżoni 9 u 10; l-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 34.1.1 tas-CECAF (ANE/9/3411)
Spanja	4 897 (1)		
Il-Portugall	5 343 (1)		
L-Unjoni	10 240 (1)		
TAC	10 240 (1)	TAC prekawzjonarja	

(1) Din il-kwota tista' tinqabad biss mill-1 ta' Lulju 2019 sat-30 ta' Ġunju 2020.";

(2) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-bakkaljaw fis-subżona 4 tal-ICES, fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a, u f'dik il-parti tad-diviżjoni 3a tal-ICES li mhijiex koperta minn Skagerrak u Kattegat hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Bakkaljaw *Gadus morhua*	**Żona:**	4; L-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a; dik il-parti tad-diviżjoni 3a li mhix koperta minn Skagerrak u Kattegat (COD/2A3AX4)
Il-Belġju	870 (1)		
Id-Danimarka	4 998		
Il-Ġermanja	3 169		
Franza	1 075 (1)		
In-Netherlands	2 824 (1)		
L-Iżvezja	33		
Ir-Renju Unit	11 464 (1)		
L-Unjoni	24 433		
In-Norveġja	5 004 (2)		
TAC	29 437	TAC analitika	

(1) Kondizzjoni speċjali: li tista' tinqabad sa 5 % minnha: 7d (COD/*07D.).

(2) Tista' tinqabad fl-ilmijiet tal-Unjoni. Il-qabdiet li jinqabdu fil-kuntest ta' din il-kwota għandhom jitnaqqsu mis-sehem tat-TAC tan-Norveġja.

Kondizzjoni speċjali:

fil-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet indikati hawn taħt fiż-żona li ġejja:

	l-ilmijiet Norveġiżi taż-żona 4 (COD/*04N-)
L-Unjoni	21 236.";

(3) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għas-sawrell fid-diviżjoni 8c tal-ICES hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Sawrell *Trachurus* spp.	**Żona:**	Id-diviżjoni 8c (JAX/08C.)
Spanja	16 895 (1)		
Franza	293		
Il-Portugall	1 670 (1)		
L-Unjoni	18 858 (1)		
TAC	18 858	TAC analitika	

(1) Kondizzjoni speċjali: sa 10 % ta' din il-kwota tista' tinqabad fiż-żona 9 (JAX/*09.).";

(4) it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għas-sawrell fis-subżona 9 tal-ICES hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Speċi:**	Sawrell *Trachurus* spp.	**Żona:**	Is-subżona 9 (JAX/09.)
Spanja	24 324 (1)		
Il-Portugall	69 693 (1)		
L-Unjoni	94 017		
TAC	94 017	TAC analitika Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament	

(1) Kondizzjoni speċjali: sa 10 % ta' din il-kwota tista' tinqabad fiż-żona 8c (JAX/*08C2).";

2. Fl-Anness IB għar-Regolament (UE) 2019/124 it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-ħalibatt ta' Greenland fl-ilmijiet internazzjonali taż-żoni 1 u 2 hija sostitwita bit-tabella li ġejja:

"**Speċi:**	Ħalibatt ta' Greenland *Reinhardtius hippoglossoides*	**Żona:**	L-ilmijiet internazzjonali taż-żoni 1 u 2 (GHL/1/2INT)
L-Unjoni	900 (1) (2)		
TAC	Mhix rilevanti	TAC prekawzjonarja	

(1) Għall-qabdiet aċċessorji biss. Mhu permess l-ebda sajd dirett fil-kuntest ta' din il-kwota.

(2) Minbarra dan it-TAK, l-Istati Membri li qed iwettqu studju xjentifiku dwar qabdiet aċċessorji fis-sajd tal-gambli jkunu jistgħu jallokaw total globali ta' 130 tunnellata għall-bastimenti li qed jipparteċipaw fl-istudju b'osservaturi abbord (GHL/*12INT). L-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkomunikaw l-isem jew ismijiet tal-bastimenti lill-Kummissjoni qabel ma jippermettu xi ħatt l-art.".